**MINUTI TAL-LAQGĦA MSEJĦA B' URĠENZA**
**TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 15 ta' Lulju 2013**

**Ħin: F' nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgha ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

Iċ-Chairperson qalet l-iskop ta' din il-laqgħa urġenti hu biex il-Kumitat jiddiskuti dwar is-siġar li nqalgħu u l-konok li ngħalqu fuq il-*promenade* ta' Marsalforn. Iċ-Chairperson għarrfet lill-Kamra li l-ġimgħa li għaddiet wara kuntatt li hi kellha mas-Segretarja Eżekuttiva, ċemplulha mill-Ministeru għal Għawdex u nfurmawha b' xi pjanijiet li l-Ministeru għandu għal Marsalforn.

Saret diskussjoni fit-tul dwar l-għeluq ta' dawn il-konok. Intqal li faċċata tal-ħwienet fuq il-*promenade* hemm ukoll xi *litterbins* nieqsa.

Il-Viċi Chairperson ippropona biex il-Kumitat jitlob biex il-konok jitranġaw u jitħawwlu siġar fihom. Refalo oġġezzjona li ssir tali rikjesta u qal pero' l-Kumitat għandu jikteb lill-Ministeru għal Għawdex biex il-Kumitat ikun infurmat minn qabel bix-xogħlijiet li jkunu se jsiru f' Marsalforn.

Gie deċiż li l-Kumitat jitlob lill-Ministeru għal Għawdex biex il-konok li kien hemm fuq il-*promenade* jerġgħu jsiru b' tali mod li ma jkunux ta' periklu għan-nies li jkunu jippassiġġaw fuq il-*promenade* u jerġgħu jitħawwlu siġar tal-bruk kif kien hemm f' dak il-lokal għall-għexieren kbar ta' snin.

Refalo ddikjara li hu kontra li tintbagħat din l-ittra u jaqbel li minflok isiru *pots.*

Is-Sindku qal hu jaqbel li jerġgħu jsiru l-konok pero' dan wara s-sajf. Iċ-Chairperson qalet ċertament li biex jerġgħu jiftħu l-konok mhux ser idumu daqs kemm damu biex għalquhom.

Il-laqgħa ntemmet fis-1.00 ta' wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Marija Saliba | Diane Tagliaferro |
| Chairperson | Segretarja Eżekuttiva |